# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 25/2025**

Data: L-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Izak Catania De Giovanni (17:37 hrs) | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

25.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

25.2 MINUTI

25.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

# KUNSILL LOKALI FGURA

25.4 KORRISPONDENZA

25.5 PLANNING AUTHORITY

25.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

24.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

25.8 MISTOQSIJIET

25.9 MOZZJONIJIET

25.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

25.11 FINANZI

25.12 TRAFFIC MANAGEMENT

25.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

25.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

25.15 STAFF

25.16 PURCHASE REQUEST FORM

25.17 ĦLASIJIET

25.18 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 25.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**25.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija mingħand il-Kuns C Bonello. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 25.2 MINUTI

**25.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7221/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 24/2025 bid-data 23 ta' Lulju 2025.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u 3 astenzjonijiet.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Viċi Sindku, Kuns J Scicluna, Kuns A Tanti

## 25.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**25.3.1** Il-Viċi Sindku qara dikjarazzjoni ffirmata minnu, mill-Kuns J Scicluna u mill-Kuns A Tanti annessa bħala 'Dok A'. Is-Sindku qal li ser iressaq kontra dikjarazzjoni, filwaqt li staqsa lil membri tal-Kunsill min kien preżenti għall-laqgħa b'urġenza tal-Kunsill meta kien preżenti l-avukat tal-Kunsill. Il-Kuns R Deguara, il-Kuns M Lombardo, il-Kuns J Scicluna u l-Kuns A Tanti qalu li kienu preżenti. Is-Sindku staqsa jekk kien hemm xi ħin li l-avukat semma kemm kien ser jiġi jiswa l-appell, fejn għal dan, kemm il-Kuns R Deguara kif ukoll il-Kuns M Lombardo wieġbu fin-negattiv. Is-Sindku qal li min ser jinterrompi ser jitolbu biex joħrog mill-kamra. Is-Sindku staqsa lill-Kuns J Scicluna fi x'ħin semgħet lill-avukat tal-Kunsill jgħid li l-appell kien ser jiġi jiswa €2000. Il- Kuns A Tanti qal li għaddiet mozzjoni u l-Viċi Sindku qal li dak li qed jistaqsi s-Sindku m'għandux x'jaqsam. Is-Sindku qal li min ser jinterompi, ser ikollu joħroġ barra mill-kamra.

Il-Kuns A Tanti, il-Viċi Sindku u l-Kuns J Scicluna ħarġu mill-kamra fil-17:35.

Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiża l-laqgħa fil-17:35 minħabba li ntilef il-quorum.

Is-Sindku talab sabiex titkompla l-laqgħa fil-17:38.

Is-Sindku qal li li l-Viċi Sindku, il-Kuns J Scicluna u l-Kuns A Tanti telqu mill-laqgħa tal-Kunsill, imma reġa ngħaqad il-quorum u ma lahqux ghaddew ghaxar minuti, għaldaqstant tistà titkompla l-laqgħa.

Is-Sindku qal li jixtieq risposta mingħand l-avukat tal-Kunsill u qara kontra dikjarazzjoni għal dak li qal il-Viċi Sindku annessa bħala 'Dok B'. Il-Kuns M Lombardo qal li din hija materja ta' natura sensittiva fuq post li kien ilu li nbena

snin u li l-Kunsill kien ser jitlef kollox li kieku l-appell ma ddaħħalx fil-ħin. Is-Sindku qal li ta' l-inqas seta jintbagħat minn qabel fejn tiġi msejħa l-parti l-oħra li ġiet kwotata fid-dikjarazzjoni, u jkollu ċans jiddefendi lilu nnifsu. Is-Sindku qal li jixtieq juri solidarjetà mal-avukat tal-Kunsill għax dan huwa inġust fil-konfront tiegħu. Il-kontra dikjarazzjoni ġiet iffirmata mill-Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni u Kuns R Ellul.

## 25.4 KORRISPONDENZA

**25.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-avukat ta' persuna li kellha inċident fi Vjal Kottoner u li għanda spejjeż kbar. Is-Sindku qal li fejn għamlet il-ħsara ma hemmx 'potholes' u li l-Kunsill ma jidħolx fiha. Is-Sindku kompla jgħid li din il-persuna xtaqet li tiltaqa miegħu bl-avukat tagħha u għaldaqstant huwa talab lill-avukat tal-Kunsill sabiex ikun preżenti. Is-Sindku żied jgħid li l-avukat tal-Kunsill kien ċar u qal li l-liġi tkopri lill-Kunsill Lokali fejn jidħlu 'potholes'. Huwa qal ukoll li l-avukat talab li ssir laqgħa ma' Infrastructure Malta rigward dan l-inċident fi Vjal Kottoner.

**25.4.2** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand persuna minħabba li qamet kwistjoni rigward il-passaġġ fil-mina ta' Bormla. Is-Sindku qal li s-swar huma tal-Gvern u li jaqsmu l-Fgura minn ma' Bormla. Is-Sindku żied jgħid li qallu li bħala Kunsill ser jitressaq dan l-ilment ukoll lejn il-Gvern Ċentrali u fehmu x'inhi l-pożizzjoni tiegħu bħala Sindku. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ser jistenna biex jiġi mifhum x'inhi s-sitwazzjoni minn naħa tal-Gvern u kif jistgħu jemendaw għaliha. Il-Kuns M Lombardo qal li bħala Kunsill, snin ilu kien intalab biex jinfetaħ passaġġ u qal li jekk jinfetaħ fejn qed jiġi mitlub, ikun ta' periklu peress li huwa diżlivell u jegħreq meta tagħmel ħafna xita. Il-Kuns M Lombardo qal ukoll li minħabba dan, biex isir passaġġ trid issir rampa. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill għandha titressaq talba biex il-mina ssir sigura. Il-Kuns M Lombardo qal li jistgħu jittieħdu miżuri bħal 'traffic calming measures' u jsiru ħafna affarijiet biex il-mina tkun sigura. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex il-Kunsill jibgħat lil Infrastructure Malta u lil Transport Malta rigward dan.

**25.4.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza biex jieħu sehem fil-Premju Anzjanità Attiva 2025, fejn tkellem mal-Kuns R Deguara peress li huwa d-dekasteru nkarigat minnu hu, fejn huwa ppropona lis-Sur Frans Zammit. Is-Sindku qal li għalkemm kien fil-kumitat, is-Sur Zammit għadu jgħin u jitħabat fil-każin tal-banda, u għaldaqstant tkun xi ħaġa sabiħa li dan ir-raġel jiġi rikonoxxut għal Premju Anzjanità Attiva.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7222/25/9** 'Sabiex ninnominaw lis-Sur Frans Zammit (li qiegħed fil-kumitat ta' l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura) għall-Anzjan tas-Sena 2025.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.4.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-għalliema li tagħmel il-klassijiet taż-Żumba fil-Kunsill Lokali, fejn infurmat li waqfet u mhux ser tkompli b'dawn il-klassijiet.

## 25.5 PLANNING AUTHORITY

**25.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li huwa ta' mportanza li tissejjaħ 'press conference' fuq x'għamel il-Kunsill Lokali biex iwaqqaf jew jiġġieled kontra l-proġett ta' faċċata tal-Kunsill, fejn kien ir-razzett l-antik. Is-Sindku qal li din il-'press conference' għandha tinħareġ fil-midja soċjali u tintbagħat lill-aħbarijiet.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7223/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill isejjaħ press conference rigward l-iżvilupp li qed jiġi proponut minflok ir-razzett l-antik, fis-sala tal-Kunsill għal spiża ta' mhux aktar minn €150 hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.5.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ħarġet fil-midja soċjali l-aħbar tas-'supermarket' fi Triq id-Dejma, fejn tkellem mal-perit immedjatament biex bħala Kunsill jappella għax kien diġà 'objector' fuq il-proġett.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7224/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-budget ta' €5,000 għall-appell PC/00025/25 hekk kif inhu anness, kontra s-supermarket development.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 25.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**25.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment li ser jiġu trasferiti €15,000 lill-Kunsill Lokali, b'rabta ma' l-iskema Attivitajiet Kulturali u Annwali 2025/2026, biex issir il-Mixgħela tas-sena d-dieħla.

**25.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mingħand l-AKL biex tinxtegħel il-faċċata tal-binja tal-Kunsill Lokali bil-vjola bejn il-25 u t-28 ta' Ottubru 2025 sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-'Intersex Awareness Day'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7225/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jipparteċipa fl-attività Illuminate Landmarks in Purple for Intersex Awareness bejn il-25 u t-28 ta' Ottubru 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.6.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mingħand l-AKL fejn qed jistaqsu lill-Kunsilli Lokali fejn hemm defribillaturi tal-qalb li huma propjetà tal-Kunsill. Is-Sindku qal li ser jiġu mwieġba lura li bħala Kunsill m'għandux, u li għaldaqstant ser jintalab biex jinġieb wieħed minn naħa tal-Gvern u jitpoġġa fil-Kunsill Lokali.

**24.6.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mingħand l-AKL rigward informazzjoni mitluba fuq il-vann tal-Kunsill, li jintuża għat-trasport tal-anzjani. Is-Sindku qal li ġiet mgħoddija din l-informazzjoni. Is-Sindku żied jgħid ukoll li l-vann kien involut f'inċident zgħir, fejn kien qiegħed wieqaf minħabba 'traffic lights' u persuna baqgħet dieħla fuq il-'bumper' ta' wara. Is-Sindku qal li l-vann huwa inxurjat u x-xufier huwa wkoll inxurjat fuq il-vann. Huwa kompla jgħid li mtliet il-karta tal-'bumper to bumper' u li l-vann għandu xi grif però xorta waħda għadu jiffunzjona u jaħdem normali.

**24.6.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva minn naħa tad-Diviżjoni biex jitwaħħlu tabelli sabiex jinħoloq għarfien dwar l-użu projbit tal-kannabis f'postijiet pubbliċi, peress li huwa biss permess f'postijiet privati.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7226/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jaċċetta li jeħlu tabelli biex jindikaw u joħolqu għarfien dwar l-użu projbit tal-kannabis, f'dawn il-postijiet pubbliċi: Pjazza Reggie Miller, Ġnien Patri Redent Gauci, Pjazza Ġorġ Stevens u mad-dawra tal-iskola.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 25.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**25.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li bejn it-12 u l-15 ta' Ottubru li ġej, sejjer Brussel flimkien mas-Sindki kollha u l-President tar-Reġjun għal 'Regions Open Week'. Is-Sindku qal li huwa ntitolat €300 għal kull ġurnata, fejn minn dawk it-€300 fl-

ewwel ġurnata trid titħallas ukoll il-lukanda, peress li t-titjira ser titħallas mir-Reġjun.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7227/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova €900 skond il-Per Diem Allowance għas-Sindku biex jattendi għal Regions Open Week ġewwa Brussel f'Ottubru li ġej mir-Reġjun.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li waqt sena leġislatura jridu jsiru l-ħames snin li ġejjin sabiex ikun hemm 'overlapping' ta' sena leġislatura ma' oħra, fejn għaldaqstant irid isir il-progress ta' ħidma għal ħames snin li ġejjin, mill-2026 sa l-2030. Is-Sindku qara parti mil-liġi tal-Kunsilli Lokali annessa bħala 'Dok Ċ'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7228/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jiġbor pjan mill-kunsilliera kollha għal ħidma tal-ħames snin li ġejjin 2026-2030 hekk kif inhu mitlub mill-liġi Kap 363 paragrafu 59, sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza mingħand l-għaqda tal-librara fejn qed jitolbu żieda fis-salarju tagħhom. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ma rċieva xejn, u għaldaqstant ma jistax iressaq mozzjoni fuq finanzi għal dawn il-ħaddiema jekk minn naħa tad-Dipartiment ma rċieva xejn. Is-Sindku qal li l-librara ġiet infurmata li ser tibqa titħallas b'mod normali kif kienet titħallas fix-xhur ta' qabel, u li qed jiġi ċċekkjat minn naħa tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jaraw jekk hux korretta.

**25.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li fl-aħħar laqgħa tressqet mozzjoni biex jinxtraw l-'air conditions' għas-sular tal-FSWS, u qal li kien hemm min ra l-kwotazzjonijiet għoljin, fejn għaldaqstant kellhom jinġabru aktar kwotazzjonijiet. Is-Sindku qal li d-ditta tal-'air condition' tal-irħas kwotazzjoni hija differenti minn dawk li diġà nxtraw fil-passat.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7229/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa, dik ta' €3,942 biex jinxtraw 3 air conditions għas-sular tal-FSWS.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza minħabba l-vaċċin tal-influenza, fejn offrew li jiġu xi infermiera fil-Kunsill Lokali sabiex jagħtu l-vaċċin. Is-Sindku qal l-aħjar issir nhar ta' Tlieta meta jkun hemm id-Day Centre tal-anzjani, fejn anke tkun tistà tintuża l-klassi.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7230/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Professional Influenza Vaccination Services for Local Councils.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li r-Reġjun ħareġ skema finanzjarja ta' €5000 għall-Kunsilli Lokali, fejn ġie mitlub li jitressaq proġett. Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel xi ħaġa li tibqa. u għaldaqstant jixtieq jiġbor l-istorja tal-Fgura f'dokumentarju professjonali fuq l-inħawi tal-Foss.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7231/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iħejji proġett ta' dokumentarju fuq l-inħawi tal-Foss għall-iskema CIR/RegjunPort16/2025, dan għall-irħas spiża ta' mhux aktar mill-kwotazzjoni annessa ta' €4,897.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 25.8 MISTOQSIJIET

**25.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 25.9 MOZZJONIJIET

**25.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 25.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**25.10.1** Is-Sindku nforma l-kamra li t-tenderer preżenti tal-Kunsill mhux ser ikompli, peress li sab xogħol li ma jippermettilux li joħloq

it-tenders minħabba kunflitt. Is-Sindku qal li għaldaqstant ser jinġabru l-kwotazzjonijiet għal tenderer ġdid.

## 25.11 FINANZI

**25.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 25.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**25.12.1** Il-Kuns M Lombardo staqsa lis-Sindku rigward il-'one ways'. Is-Sindku wieġeb li Infrastructure Malta irċevew l-approvazzjoni minn Transport Malta u ser jibdew jibgħatu t-'traffic management' kollu tal-aħħar sena, u għaldaqstant ser jibdew jinbidlu ħafna 'one ways' permanenti li kienu ġew deċiżi bħala Kunsill.

## 25.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**25.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva minn naħa tal-Planning Authority rigward Triq A.M. Valperga, fejn qal li ser jibda x-xogħol fil-parti t'isfel ma' Triq ir-Riħan fejn tagħlaq it-triq, però għad m'għandux id-data ta' meta ser jibda. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Planning Authority jinsab kollox tajjeb fejn dawn marru jimmarkaw il-livelli tal-bankini u tat-tarmak, u li jonqos huwa li l-Kunsill jirċievi mingħand Infrastructure Malta rigward meta ser jibda x-xogħol. Is-Sindku qal li jixtieq jirringrazzja lil Infrastructure Malta peress li fl-aħħar sena saru ħdax-il triq, filwaqt li rringrazzja wkoll lir-residenti talli jifhmu s-sitwazzjoni.

**25.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Water Services Corporation li mill-25 ta' Awwissu 2025 ser ikunu qed isiru xi xogħolijiet mar-'roundabout' ta' Triq id-Dejma ma' Triq il-Karmnu, biswit is-sit ta' kostruzzjoni tal-Housing Authority.

## 25.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**25.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara qal li fir-rigward tal-ħarġa tal-'cruise' li saret fil-Port, kull min attenda ħa pjaċir ħafna u rnexxiet peress li t-temp kien tajjeb, fejn kienet ta' nteress ukoll għax saret spjega tajba ħafna mill-kaptan.

**25.14.2** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7232/25/9** 'Sabiex isir party tal-Milied nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025 għal dawk

li jattendu d-Day Centre u dawk li jiġu regolari għall-ħruġ tal-Kunsill għas-somma ta' mhux aktar minn €4,900.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.14.3** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li fetħu l-applikazzjonijiet għall-kors tat-3D printing però minħabba r-raġuni li kien hemm ftit applikanti, ġie deċiż li l-kors jiġi pospost għal Settembru, fejn min hu nteressat għadu fiċ-ċans li japplika.

**25.14.4** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li ser issir laqgħa mal-kumpanija tal-'app' tal-Fgura.

## 25.15 STAFF

**25.15.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kien hemm perjodu fejn is-Segretarju Eżekuttiv preżenti ma setgħetx tokkupa l-kariga minħabba raġunijiet ta' saħħa, u għaldaqstant kienet daħlet l-ex Deputat Segretarju minflokha, fejn kienet għamlet perjodu li fih okkupat il-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7233/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-performance bonus ta' 14% pro rata lis-Sa Ritienne Bonnici ex Deputat Segretarju, li assumiet l-irwol fin-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv li kienet nieqsa minħabba raġunijiet ta' saħħa, bejn Novembru / Diċembru 2024 ta' xahar u 4 t'ijiem.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.15.2** Is-Sindku nforma l-kamra li wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill li kien għadu kif ġie mpjegat, iddeċieda li jtemm il-ħidma tiegħu fi ħdan il-Kunsill. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill, ma tkompliex il-proċess sabiex tiġi mpjegata persuna oħra minfloku fi skala 15, peress li intbagħat ħaddiem ġdid biex jaħdem fil-Kunsill Lokali minn naħa tal-Community Workers Scheme.

## 25.16 PURCHASE REQUEST FORM

**25.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7234/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Awwissu 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 25.17 ĦLASIJIET

**25.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7235/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 16/07/2025 sa 13/08/2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 25.18 AĠĠORNAMENT

**25.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:23 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru, 2025 fil-17:30hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 20 ta' Awwissu, 2025

9. 3.

**Data: 20 t'Awissu 2025**

**Dikjarazzjoni**

Aħna hawn taħt iffirmati qegħdin inresqu l-fatti li bi żvista jew apposta ġew injorati bl-iskop li tibtgħat stampa b'oħra u anke tiskura l-pożizzjoni tagħna.

S-sottoskritti qegħdin jagħmlu referenza fuq talba għall-appell mal-Planning Authority fuq applikazzjoni PA/04084/22. Dan wara li s-Sindku sejjaħ laqgħa uffiċjali tal-Kunsill bl-avukat appuntat li kien prezenti. Waqt din il-laqgħa l-avukat informa lill-Kunsill li l-ispiża kellha tkun ta' mhux aktar minn €2000. L-għada mbagħad permezz ta' email il-Kunsilliera gew infurmati li l-ispiża zdiedet b'€1,550 aktar.

Kien hawnhekk li aħna t-tliet Kunsilliera staqsejna lis-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiv sabiex jghatuna iktar dettalji (break down) punt, punt tal-ispejjeż involuti. Fl-ebda hin ma ddikjarajna li ma naqblux mal-kontenut u cioe' li l-Kunsill jappella. Il-Kunsilliera Josianne Scicluna u Adrian Tanti kienu preżenti fil-laqgħa b'urgenza u ivvutaw favur.

Aħna nifhmu li l-flus tal-kunsill huma pubbliċi u rridu nagħtu rendikont għal kull ċenteżmu li jintnefaq. Altru milli aħna m'għandniex l-interess tal-lokal. L-intenzjoni tagħna hija waħda ġenwina sabiex kull kunsillier jingħatha l-informazzjoni kollha kif mitlub mil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

Ghalhekk, is-Sindku anke jekk ihossu skomdu, minflokk imur fuq Facebook u jittegja l-Kunsilliera kollha u waqt il-laqgha tal-Kunsill isemmi lill-kunsilliera kollha u halla barra lilna t-tlieta ghandu jkun ġust, jgħid il-fatti u jirratifika l-pozizzjoni tiegħu.

Dan huwa ingust fil-konfront tagħna sabiex inaqqas il-fiducja tagħna minn mar-residenti u għalhekk qegħdin nitolbu rimedju.

Darren Marmara
V/ Sindku

Josianne Scicluna
Kunsilliera

Adrian Tanti
Kunsillier

b. 4.

Kontra dikjarazzjoni ta dak li qall

il-Urci Smith fejn qed jirreferi

Għad-dikjarazzjoni li ressaq illum 20 ta Awwissu

2023 fejn skond il-kollega Sa Josianne

Sciclune qaltli li lawrent qall li

jistess appell li in'fra għaliex il-urci

Smith jimm € ~~2000~~ euro, nitkeq

intalab ukoll li is. Sa Sciclune kienet tent

inħanut li tiesbut li 2000 huma pagament

ta lawrent għalkemm n'tenna li il-Urci

Smith kien lingas sefa isaqsi għalfejn

huma il-pagament u mhux iħallas Sa

il-għaxa tal-lum biex jistaqsi elin

il-mizlapsia għar nan hekk lagas

pretendejt li għal-gid tal-fora rumme

u nitlef biex mizgħuhazz innegi għal darbtra

il-firma tal-kunsill

C.

**Calleja Gwenith at Fgura Local Council**

**Subject:** Pjan ta' Hdima ghall-5 snin li gejjien

Ligi

https://legislation.mt/eli/cap/363/mlt Pg 36 Kap59

*59.(1) Fi tmiem l-ewwel sena tal-kariga tiegħu, Kunsill Lokali għandu jħejji u jiddiskuti Pjan ta' Ħidma li jkopri ħames snin dwar it-tħaddim, il-proġetti u l-finanzi tal-Kunsill Lokali sabiex jipprovdu qafas għall-budgets annwali tal-Kunsill Lokali.*
*(2) Il-Kunsill għandu jirrevedi jew jikkonferma l-pjan ta' ħames snin kull sena fil-waqt li jkunu qed jiddiskuti l-budget annwali tiegħu.*
*(3) Kopji tal-pjanijiet tax-xogħol u tal-finanzi u r-reviżjonijiet tagħhom, għandhom jintbagħtu mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi fi żmien ġimgħatejn mill-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill.*

Gwenith Calleja
Executive Secretary
Fgura Local Council
Port Regional Council

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt
gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

126/128, TRIQ H